SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

30 ta’ Ottubru 2025 *

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 98/59/KE – Tkeċċijiet kollettivi – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) – Rekwiżit ta’ komunikazzjoni minn qabel lill-awtorità pubblika kompetenti tal-ipproġettar ta’ tkeċċija kollettiva – Konformità tal-komunikazzjoni mar-rekwiżiti ta’ din id-direttiva – Assenza – Validità tat-tkeċċija – L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) – Perijodu ta’ nuqqas li tittieħed azzjoni ta’ 30 jum

Fil-Kawża C-134/24 [Tomann] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tal-1 ta’ Frar 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta’ Frar 2024, fil-proċedura

UR, li jaġixxi bħala stralċjarju ta’ V GmbH,

vs

DF,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. L. Arastey Sahún (Relatriċi), Presidenta tal-Awla, J. Passer, E. Regan, D. Gratsias u B. Smulders, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: R. Norkus,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal UR, li qed jaġixxi bħala stralċjarju ta’ V GmbH, minn M. Richter, Rechtsanwalt,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. Delaude u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2025,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

[i] L-isem ta’ din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta’ ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1), tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 263, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 98/59")

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn UR li qed jaġixxi bħala stralċjarju ta' V GmbH, u DF fir-rigward tal-validità tat-tkeċċija ta' dan tal-aħħar, li seħħet fil-kuntest ta' proġett ta' tkeċċija kollettiva.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 2 u 12 tad-Direttiva 98/59 jipprovdu:

"(2) Billi huwa importanti li jkun hemm iżjed protezzjoni għall-ħaddiema fil-każ ta' redundancies kollettivi waqt li jittieħed kont tal-bżonn ta' żvilupp ibbilanċjat ekonomiku u soċjali fil-Komunità;

[...]

(12) Billi l-Istati Membri għndhom jiżguraw li r-rapreżentanti tal-ħaddiema u/jew il-ħaddiema jkollom għad-dispożizzjoni tagħhom proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jassiguraw li l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva jitwettqu".

4 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

a) '*redundancies* kollettivi' ifisser tkeċċijiet mix-xogħol minn min iħaddem għal raġuni waħda jew aktar mhux relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati meta, skond l-għażla ta' l-Istati Membri, in-numru tar-*redundancies* huwa:
   i) jew, fuq perijodu ta' 30 ġurnata:

      – mill-inqas 10 fi stabbilimenti li normalment jimpjegaw iżjed minn 20 u inqas minn 100 impjegat,

      [...]
   ii) jew, fuq perijodu ta' 90 ġurnata, mill-inqas 20, ikun xi

   jkun in-numru ta' impjegati li jaħdmu fl-istabbilimenti inkwistjoni;

[...]

Għall-iskop tal-kalkolu tan-numru tar-*redundancies* kif previst fis-subparagrafu tal-punt (a), it-termini ta' kuntratt tax-xogħol li jsir fuq l-inizjattiva ta' min iħaddem għal raġuni waħda jew iktar li mhumiex relatati mal-ħaddiema individwali kkonċernati għandhom ikunu assimilati mar-*redundancies* sakemm, hemm mill-inqas ħames *redundancies*."

5 L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Meta dak li jħaddem ikun qed jikkontempla *redundancies* kollettivi, huwa għandu jibda konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fi żmien tajjeb bl-iskop li jintlaħaq ftehim.

2. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom, mill-inqas, ikopru mezzi u miżuri li jevitaw *redundancies* kollettivi jew tnaqqis ta' numri ta' impjegati affettwati, u biex jittaffew il-konsegwenzi billi jkun hemm rikors għal miżuri soċjali magħhom immirati, *inter alia*, li jgħinu għall-impjieg jew it-taħriġ mll-ġdid tal-ħaddiema mingħajr xogħol.

[...]

3. Sabiex jgħinu r-rappreżentanti tal-ħaddiema biex jagħmlu proposti kostruttivi, min iħaddem għandu fi żmien tajjeb matul il-konsultazzjonijiet:

[...]

b) f'kull każ jagħtihom notifka bil-miktub
   i) tar-raġunijiet għar-*redundancies* ipproġettati;
   ii) tan-numri tal-kategoriji ta' ħaddiema li se jisfaw bla xogħol;
   iii) tan-numri u l-kategoriji tal-ħaddiema normalment impjegati;
   iv) tal-perijodu meta r-*redundancies* ipproġettati għandhom jiġu effettwati;
   v) tal-kriterji proposti għas-selezzjoni tal-ħaddiema li se jisfaw bla xogħol sakemm u safejn il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jagħtu l-poter għal dan lil min iħaddem;

   [...]

Min iħaddem għandu jgħaddi lill-awtorità pubblika kompetenti kopja ta', mill-inqas, l-elementi tal-kommunikazzjoni bil-miktub li hemm previsti fl-ewwel subparagrafu, l-punt (b), is-subpunti (i) sa (v)."

6 L-ewwel u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva jipprovdu:

"1. Kull min iħaddem għandu jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar kull pjan ta' *redundancies* kollettivi.

[...]

Din in-notifika għandu jkollha l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna r-*redundancies* kollettivi u l-konsultazzjonijiet ippjanati mar-rappreżentanti tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 2, u partikolarment ir-raġunijiet għar-*redundancy*, in-numru ta' ħaddiema li ser jisfgħu mingħajr xogħol, in-numru ta' ħaddiema normalment impjegati u l-perijodu li fih il-*redundancy* għandu jiġi effettwat."

7 Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/59:

"1. Il-*redundancies* kollettivi pproġettati nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti m'għandhomx iseħħu qabel 30 ġurnata wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 3(1) bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward ta' l-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorità pubblika kompetenti sabiex tnaqqas il-perijodu msemmi fis-subparagrafu preċedenti.

2. Il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jintuża mill-awtorità pubblika kompetenti sabiex jinstabu soluzzjonijiet għallproblemi kkawżati mir-*redundancies* kollettivi proġettati.

3. Meta l-perijodu inizjali previst fil-paragraph 1 huwa iqsar minn 60 ġurnata, l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-poter lill-awtorià pubblika kompetenti biex testendi l-perijodu inizjali ta' 60 ġurnata wara n-notika meta l-problemi kkawżati mill-pjanijiet proġettati ta' *redundancies* kollettivi x'aktarx ma tinstabx soluzzjoni għalihom fil-perijodu inizjali.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-awtorità pubblika kompetenti poteri iktar wiesgtra ta' estenzjoni.

Min iħaddem għandu jkun infurmat bl-estenzjoni u l-bażi tagħha qabel ma jiskadi l-perijodu tal-bidu msemmi fil-paragrafu 1.

[...]"

8 L-Artikolu 6 ta' din id-direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi għall-infurzar ta' l-obbligi taħt din id-Direttiva huma disponibbli għar-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew għall-ħaddiema."

Id-dritt Ġermaniż

Il-Kodiċi Ċivili

9 Skont l-Artikolu 134 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili, iktar 'il quddiem il-"BGB"):

"Kull att ġuridiku kuntrarju għal projbizzjoni legali huwa null sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor."

10 L-Artikolu 615 tal-BGB jistabbilixxi:

"Jekk il-kreditur ta' provvista ta' servizzi jdum ma jaċċetta s-servizzi, il-fornitur jista' jeżiġi r-remunerazzjoni miftiehma għas-servizzi mhux eżegwiti minħabba d-dewmien mingħajr ma jkun obbligat jeżegwihom iktar tard. [...]"

Il-Liġi dwar il-Protezzjoni Kontra t-Tkeċċijiet

11 L-Artikolu 17 tal-Kündigungsschutzgesetz (il-Liġi dwar il-Protezzjoni Kontra t-Tkeċċijiet), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"KSchG"), jipprovdi:

"(1) Il-persuna li timpjega hija obbligata li tikkomunika lill-Aġenzija tal-Impjiegi qabel ma tkeċċi:

fl-istabbilimenti li normalment jimpjegaw iktar minn 20 u inqas minn 60 ħaddiem: iktar minn 5 ħaddiema,

[...]

matul perijodu ta' 30 jum kalendarju. [...]

[...]

(3) [...] Il-komunikazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha ssir bil-miktub u tkun akkumpanjata bl-opinjoni tal-Kunsill tax-Xogħol dwar it-tkeċċijiet. Fin-nuqqas ta' opinjoni tal-Kunsill tax-Xogħol, il-komunikazzjoni tieħu effett jekk il-persuna li timpjega tressaq elementi li jippermettu li jiġi preżunt li hija informat lill-Kunsill tax-Xogħol tal-inqas ġimagħtejn qabel ma pproċediet bil-komunikazzjoni skont l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2, u jekk tagħti rendikont dwar l-istat tal-konsultazzjonijiet. Il-komunikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-isem tal-persuna li timpjega, is-sede tagħha u t-tip ta' impriża, kif ukoll dwar ir-raġuni tal-ipproġettar ta' tkeċċija, in-numru u l-kategoriji ta' ħaddiema li għandhom jitkeċċew kif ukoll ħaddiema normalment impjegati, il-perijodu li matulu huwa maħsub li jsiru t-tkeċċijiet, u l-kriterji previsti għall-għażla ta' ħaddiema li għandhom jitkeċċew. Bi qbil mal-Kunsill tax-Xogħol, il-komunikazzjoni għandha tinkludi wkoll, għall-kollokament, informazzjoni dwar is-sess, l-età, il-professjoni u n-nazzjonalità tal-ħaddiema li għandhom jitkeċċew. [...]"

12 L-Artikolu 18(1) u (2) tal-KSchG huwa fformulat kif ġej:

"(1) It-tkeċċijiet li għandhom jiġu kkomunikati skont l-Artikolu 17 jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' xahar mir-riċezzjoni tal-komunikazzjoni mill-Aġenzija tal-Impjiegi biss bil-kunsens ta' din tal-aħħar, fejn l-imsemmi kunsens jista' jingħata wkoll retroattivament sad-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

(2) F'ċerti każijiet, l-Aġenzija tal-Impjiegi għandu l-fakultà li tiddeċiedi li t-tkeċċijiet ma jidħlux fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' terminu massimu ta' xahrejn wara r-riċezzjoni tal-komunikazzjoni."

Il-Ktieb X tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali

13 Skont l-Artikolu 20 (1) u (2) tas-Sozialgesetzbuch, Zehntes Buch (il-Ktieb X tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali:

"(1) L-awtorità tinvestiga *ex officio* fuq il-fatti. Hija tiddetermina n-natura u l-portata tal-investigazzjonijiet; hija ma hijiex marbuta bl-argumenti u bit-talbiet ta' prova tal-persuni kkonċernati.

(2) L-awtorità għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha għall-każ partikolari, inklużi dawk li huma favorevoli għall-persuni kkonċernati."

Il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Industrijali

14 L-Artikolu 45 tal-Arbeitsgerichtsgesetz (il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Industrijali), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"ArbGG"), jipprovdi:

"(1) Għandha tinħoloq Awla Manja fi ħdan il-[Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem l-"Awla Manja")].

(2) L-Awla Manja għandha tiddeċiedi meta awla tkun tixtieq titbiegħed mid-deċiżjoni ta' awla oħra jew tal-Awla Manja dwar kwistjoni ġuridika.

(3) Rinviju quddiem l-Awla Manja huwa ammissibbli biss jekk l-awla li tkun adottat id-deċiżjoni li awla oħra tixtieq titbiegħed minnha tkun iddikjarat, fuq it-talba ta' din l-aħħar awla, li hija żżomm il-pożizzjoni legali tagħha. [...] L-awla kkonċernata għandha tiddeċiedi dwar it-talba u dwar ir-risposta permezz ta' digriet adottat fil-kompożizzjoni meħtieġa għas-sentenzi."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 DF ilu impjegat ta' V GmbH mis-sena 1994.

16 Fl-1 ta' Diċembru 2020, infetħet proċedura ta' insolvenza fil-konfront ta' din il-kumpannija u UR inħatar stralċjarju tagħha.

17 Fit-2 ta' Diċembru 2020, UR xolja l-kuntratt ta' xogħol ta' DF b'effett mill-31 ta' Marzu 2021. Huwa paċifiku li UR keċċa iktar minn ħames impjegati matul perijodu ta' 30 jum kalendarju.

18 Sussegwentement, DF ippreżenta rikors quddiem l-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg, il-Ġermanja) intiż, minn naħa, sabiex jiġi kkonstatata t-tkomplija tar-relazzjoni ta' xogħol u, min-naħa l-oħra, li UR jiġi kkundannat iżomm l-impjieg ta' DF sal-għeluq definittiv tal-proċedura mibdija bl-għan li tiġi annullata t-tkeċċija tiegħu.

19 Insostenn tar-rikors tiegħu, DF isostni li x-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu huwa null, peress li UR ma pproċediex minn qabel għall-komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi prevista fl-Artikolu 17(1) tal-KSchG.

20 UR talab li r-rikors ta' DF jiġi miċħud, billi sostna li l-leġiżlazzjoni dwar it-tkeċċijiet kollettivi ma kinitx applikabbli f'dan il-każ, peress li V kienet timpjega biss 19-il impjegat fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza li tikkonċernaha. Għalhekk, f'dan il-każ, il-limitu li minnu l-komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi prevista fl-Artikolu 17(1) tal-KSchG hija obbligatorja ma ntlaħaqx. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, qabel il-31 ta' Marzu 2021, id-data tad-dħul fis-seħħ tax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol ta' DF, UR la pproċeda għal din il-komunikazzjoni u lanqas ma rregolarizza l-assenza ta' tali komunikazzjoni.

21 Permezz ta' sentenza tal-20 ta' April 2021, l-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg) laqgħet ir-rikors ta' DF.

22 Permezz ta’ sentenza tat-3 ta’ Frar 2022, il-Landesarbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali Superjuri ta’ Hamburg, il-Ġermanja) ċaħdet l-appell ippreżentat minn UR kontra din is-sentenza.

23 UR ippreżenta rikors għal reviżjoni kontra din is-sentenza quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali), li hija l-qorti tar-rinviju, li assenjat il-kawża prinċipali lis-Sitt Awla ta’ din il-qorti (iktar ’il quddiem is-“Sitt Awla”).

24 Permezz ta’ digriet tal-11 ta’ Mejju 2023, din l-awla kkonstatat li, fil-mument tat-tkeċċija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, V GmbH kienet timpjega, “bħala regola ġenerali” iktar minn 20 ħaddiem, b’mod li UR jmessu pproċeda, qabel ma xolja l-kuntratt ta’ xogħol ta’ DG, għall-komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi skont l-Artikolu 17(1) tal-KSchG.

25 Permezz ta’ digriet ieħor tal-14 ta’ Diċembru 2023, l-imsemmija awla indikat li hija kellha dubji fir-rigward tas-sanzjoni li għandha tiġi imposta fil-każ ta’ assenza ta’ tali komunikazzjoni kif ukoll ta’ nuqqasijiet għal kundizzjonijiet meħtieġa fil-kuntest tal-proċedura ta’ komunikazzjoni mill-KSchG. Kuntrarjament għall-ġurisprudenza tagħha stess, l-istess awla hija tal-opinjoni li din l-assenza ta’ komunikazzjoni jew nuqqasijiet oħra ma jistgħux iwasslu għan-nullità tax-xoljiment tal-kuntratt ta’ xogħol skont l-Artikolu 134 tal-BGB. Huwa biss il-leġiżlatur nazzjonali li għandu jipprevedi tali sanzjoni.

26 Issa, minn naħa, l-Artikolu 17(1) u (3) tal-KSchG, li jipprevedi l-obbligu ta’ komunikazzjoni minn qabel tat-tkeċċijiet kollettivi, ma jistax jitqies bħala “liġi ta’ projbizzjoni”, fis-sens tal-Artikolu 134 tal-BGB. Min-naħa l-oħra, is-“sanzjoni” ta’ nullità lanqas ma hija prevista fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59.

27 Madankollu, is-Sitt Awla tqis li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tat-Tieni Awla tal-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) (iktar ’il quddiem it-“Tieni Awla”) dwar is-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti fil-każ ta’ nuqqasijiet imwettqa fil-kuntest tal-proċedura ta’ komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi, hija ma tistax tastjeni, fil-kuntest tal-kawża li għandha quddiemha, milli tiddikjara n-nullità tat-tkeċċija inkwistjoni billi titbiegħed mill-ġurisprudenza preċedenti tagħha stess, mingħajr ma qabel tkun wettqet konsultazzjoni interna prevista fl-Artikolu 45(3) tal-ArbGG, intiża sabiex jintemmu diverġenzi ta’ interpretazzjoni bejn awli differenti ta’ din il-qorti.

28 Għalhekk, fuq il-bażi ta’ din id-dispożizzjoni, is-Sitt Awla, permezz ta’ digriet tal-14 ta’ Diċembru 2023, adixxiet lit-Tieni Awla bil-kwistjoni dwar jekk “[din] l-awla [kinitx ser iżżomm] l-analiżi [...] li x-xoljiment tal-kuntratt ta’ xogħol, bħala att ġuridiku, jikser projbizzjoni legali, fis-sens tal-Artikolu 134 tal-[BGB], li jwassal għan-nullità tax-xoljiment, fil-każ fejn, meta jseħħ dan ix-xoljiment, ma tkun saret ebda komunikazzjoni valida skont l-Artikolu 17(1) u (3) [tal-KSchG]”.

29 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din it-Tieni Awla, li hija l-kulleġġ ġudikanti tal-qorti tar-rinviju li ressqet din it-talba għal deċiżjoni preliminari, iddeċidiet, sal-lum, li xoljiment tal-kuntratt ta’ xogħol, imwettaq fl-assenza ta’ tali komunikazzjoni minn qabel, kien null u ma jistax itemm l-imsemmi kuntratt ta’ xogħol.

30 Issa, fid-dawl tad-domanda li saritilha mis-Sitt Awla, it-Tieni Awla tqis, bħas-Sitt Awla, li jista’ jkun sproporzjonat li jiġi kkunsidrat, b’mod partikolari skont obbligi imposti mid-dritt tal-Unjoni, li, fl-assenza ta’ komunikazzjoni minn qabel tat-tkeċċijiet kollettivi, ix-xoljiment tal-kuntratt ta’ xogħol ikkonċernat għandu jiġi annullat. Fil-fehma tat-Tieni Awla, għandha ssir

distinzjoni bejn l-ipoteżi tal-assenza totali ta' tali komunikazzjoni u l-ipoteżi ta' komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet formali jew sostantivi previsti mid-dritt nazzjonali jew mid-dritt tal-Unjoni.

31 Fir-rigward tal-ewwel ipoteżi, jiġifieri l-assenza totali ta' komunikazzjoni minn qabel tat-tkeċċijiet kollettivi, it-Tieni Awla tindika li, skont id-dritt nazzjonali, il-kuntratt ta' xogħol li kien is-suġġett ta' xoljiment ikompli jipproduċi l-effetti tiegħu sal-iskadenza ta' perijodu ta' nuqqas li tittieħed azzjoni ta' xahar, konformement mal-Artikolu 18(1) tal-KSchG. Għalhekk, ix-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol li seħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva suġġett għall-obbligu ta' komunikazzjoni minn qabel jista' jidħol fis-seħħ biss mill-mument li fih tkun saret tali komunikazzjoni.

32 L-imsemmija awla tindika wkoll li, skont dan l-Artikolu 18(1), l-effetti ta' tali xoljiment jiġu "sospiżi" sakemm issir il-komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi li inizjalment kienet tħalliet barra, sabiex l-Aġenzija tal-Impjiegi kompetenti tkun tista' tipprepara l-kollokament tal-ħaddiema kkonċernati mit-tkeċċija kollettiva.

33 Issa, peress li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata konformement mad-dritt tal-Unjoni, l-istess awla tistaqsi jekk l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat fis-sens li tali xoljiment ma jistax jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst fih.

34 Fir-rigward tat-tieni ipoteżi msemmija fil-punt 30 ta' din is-sentenza, it-Tieni Awla hija tal-opinjoni li l-imsemmi Artikolu 4(1) għandu jiġi interpretat fis-sens li t-terminu ta' 30 jum previst f'din id-dispożizzjoni kif ukoll dak previst fl-Artikolu 18(1) tal-KSchG ma jistgħux jibdew jiddekorru, u għalhekk jiskadu, ħlief jekk il-komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi tkun konformi mar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59.

35 Din l-interpretazzjoni hija sostnuta, minn naħa, mir-riferiment tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva għall-Artikolu 3(1) tagħha kif ukoll, min-naħa l-oħra, mill-għan imfittex mir-rekwiżit ta' komunikazzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi, jiġifieri li l-awtorità pubblika kompetenti tkun tista' tfittex soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mit-tkeċċijiet kollettivi maħsuba, konformement mal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva.

36 Barra minn hekk, it-Tieni Awla tqajjem il-kwistjoni dwar jekk persuna li timpjega li tkun xoljiet kuntratti ta' xogħol fl-assenza ta' komunikazzjoni minn qabel tal-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva li fil-kuntest tiegħu jaqgħu dawn ix-xoljimenti tistax tirregolarizza din l-assenza ta' komunikazzjoni sussegwentement, bil-konsegwenza li dawn ix-xoljimenti jidħlu fis-seħħ fl-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst f'dan l-Artikolu 4(1), mingħajr ma jkun neċessarju li jsir xoljiment ġdid ta' dawn il-kuntratti.

37 Skont din l-awla, il-fatt li dan it-terminu ta' 30 jum jibda jiddekorri biss mill-imsemmija regolarizzazzjoni jiggarantixxi lill-awtorità pubblika kompetenti li jkollha perijodu minimu sabiex tfittex soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mit-tkeċċijiet kollettivi kkonċernati, konformement mal-Artikolu 4(2) u (3) tal-istess direttiva.

38 L-imsemmi awla tqis li s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Junk (C-188/03, EU:C:2005:59), ma tipprekludix tali interpretazzjoni. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement ikkonstatat li huwa possibbli li jsiru x-xoljimenti tal-kuntratti ta' xogħol biss meta dawn ikunu

ġew ikkomunikati lill-awtorità pubblika kompetenti, iżda ma ddeċidietx li l-imsemmija xoljimenti tal-kuntratti ta' xogħol fl-assenza ta' komunikazzjoni minn qabel tat-tkeċċijiet kollettivi kif preskritt huma "irreparabbilment" ivvizzjati b'nullità.

39 Għalhekk, is-"sanzjoni" fil-każ ta' komunikazzjoni tardiva tat-tkeċċijiet kollettivi tikkonsisti f'sospensjoni temporanja tal-effetti legali tal-imsemmija xoljimenti tal-kuntratti ta' xogħol u fl-obbligu għall-persuna li timpjega li tirrenumera l-impjegati kkonċernati sal-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum.

40 Fl-aħħar nett, it-Tieni Awla tixtieq tkun taf, fid-dawl tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew il-ħaddiema jkollhom proċeduri amministrattivi u/jew ġudizzjarji sabiex jiġu osservati l-obbligi previsti minn din id-direttiva, jekk id-dritt nazzjonali jistax jagħti lill-awtorità pubblika kompetenti biss il-kompitu li teżamina l-konformità tal-komunikazzjoni minn qabel tal-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva u li tikkonstata l-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva. Din il-konstatazzjoni hija għalhekk ta' natura vinkolanti għall-qrati industrijali kif ukoll għal impjegat li jfittex li jikkontesta, fil-kuntest ta' tilwima li tirrigwarda t-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol, tali konstatazzjoni amministrattiva permezz ta' rimedju ġudizzjarju.

41 It-Tieni Awla tosserva li ċertament jirriżulta mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2023, Brink's Cash Solutions (C-496/22, EU:C:2023:741, punt 45), li l-Artikolu 6 tal-istess direttiva jimponi fuq l-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ġudizzjarja effettiva lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u/jew lill-ħaddiema. Madankollu, dan ir-rekwiżit jirrigwarda biss il-proċedura ta' konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/59, li magħha ebda awtorità ma hija assoċjata, u li, kuntrarjament għall-proċedura ta' komunikazzjoni minn qabel tal-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva prevista fl-Artikoli 3 u 4 tagħha, għandha bħala għan il-prevenzjoni tax-xoljimenti ta' kuntratti ta' xogħol tal-ħaddiema kkonċernati. Interpretazzjoni oħra tkun inkompatibbli mal-użu tat-termini "u/jew" li jinsabu fl-Artikolu 6 kif ukoll fil-premessa 12 ta' din id-direttiva.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tieni Awla tal-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 4(1) tad-[Direttiva 98/59] għandu jiġi interpretat fis-sens li tkeċċija [xoljiment] fil-kuntest ta' tkeċċija kollettiva li teżiġi preavviż tat-temm tal-impjieg tista' tittermina r-relazzjoni ta' xogħol ta' ħaddiem affettwat biss wara l-iskadenza tal-perijodu ta' projbizzjoni ta' tkeċċija?

Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv:

2) L-iskadenza tal-perijodu ta' projbizzjoni ta' tkeċċija teżiġi mhux biss preavviż tat-tkeċċija kollettiva, iżda teżiġi wkoll li dan il-preavviż ikun jissodisfa r-rekwiżiti tar-raba' subparagrafu 4 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59?

3) Il-persuna li timpjega, li kkomunikat it-tkeċċijiet li jeżiġu preavviż tat-temm tal-impjieg mingħajr preavviż tat-tkeċċija kollettiva (regolari), tista' tagħmel tajjeb għal din l-irregolarità sussegwentement billi tittermina [xxoji]r-relazzjoni ta' xogħol tal-ħaddiema affettwati mit-tkeċċijiet preċedentement iddikjarati wara l-iskadenza tal-perijodu ta' projbizzjoni ta' tkeċċija?

Fil-każ li r-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda tkun fl-affermattiv:

4) Huwa konformi mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59, dritt nazzjonali li jħalli lill-awtorità kompetenti tiddetermina meta jiskadi fil-każ konkret il-perijodu tal-projbizzjoni ta' tkeċċija, b'tali mod li din id-deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-ħaddiem u hija vinkolanti għall-qrati industrjali, jew għandu l-ħaddiem neċessarjament ikollu l-possibbiltà ta' proċedura ġudizzjarja għall-eżami tal-fondatezza tad-deċiżjoni amministrattiva?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

43 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-proċedura mfassla fl-Artikolu 267 TFUE tikkostitwixxi strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-punti ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkunu neċessarji għalihom għas-soluzzjoni tat-tilwimiet li huma mitluba jiddeċiedu u li l-ġustifikazzjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma tkunx tirrigwarda l-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima (sentenza tas-16 ta' Mejju 2024, Toplofikatsia Sofia (Kunċett ta' domiċilju tal-konvenut), C-222/23, EU:C:2024:405, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Hekk kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 267 TFUE, id-deċiżjoni preliminari mitluba għandha tkun "meħtieġa" sabiex tippermetti li l-qrati tar-rinviju "ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza" fil-kawża li jkunu aditi biha (sentenza tas-16 ta' Mejju 2024, Toplofikatsia Sofia (Kunċett ta' domiċilju tal-konvenut), C-222/23, EU:C:2024:405, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk fakkret li kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tippreżupponi, b'mod partikolari, li tilwima tkun effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħha huma mitluba jagħtu deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari (sentenza tas-16 ta' Mejju 2024, Toplofikatsia Sofia (Kunċett ta' domiċilju tal-konvenut), C-222/23, EU:C:2024:405, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Issa, f'dan il-każ, minkejja li l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari ma ġiet ikkontestata minn ebda waħda mill-persuni kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fil-kuntest ta' din il-kawża, għandu jiġi kkonstatat li t-tilwima fil-kawża prinċipali ma hijiex ser tiġi, b'mod definittiv, deċiża mit-Tieni Awla, peress li din it-tilwima hija attwalment pendenti quddiem is-Sitt Awla.

47 Xorta jibqa' l-fatt li, skont l-indikazzjonijiet tat-Tieni Awla miġbura fil-qosor fil-punti 25 sa 28 ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni li din l-awla hija mitluba tagħti, jekk ikun il-każ billi tittieħed inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari futura mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża, tikkostitwixxi stadju neċessarju għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

48 Fil-fatt, it-Tieni Awla ġiet adita mis-Sitt Awla abbażi tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 45 tal-ArbGG. Konformement ma' dan il-paragrafu, moqri flimkien mal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, meta awla tal-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali) ikollha l-intenzjoni li titbiegħed mid-deċiżjoni ta' awla oħra jew minn dik tal-Awla Manja dwar kwistjoni legali, hija l-Awla Manja li għandha tiddeċiedi, bil-kundizzjoni madankollu li l-awla li jkun maħsub li titbiegħed mid-deċiżjoni tagħha tkun iddikjarat minn qabel, fuq it-talba tal-awla adita, li hija żżomm il-pożizzjoni ġuridika tagħha.

49 Minkejja dan, jidher li l-proċedura ta' konsultazzjoni interna prevista fl-Artikolu 45(3) tal-ArbGG hija meħtieġa, bħala fażi intermedjarja obbligatorja meħtieġa mid-dritt nazzjonali, qabel ma s-Sitt Awla tkun tista' tiddeċiedi fuq il-mertu tat-tilwima fil-kawża prinċipali pendenti quddiemha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' Stħarriġ Straordinarju u Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Din il-proċedura ta' konsultazzjoni interna tidher għalhekk li tissodisfa ħtieġa oġġettiva ta' din is-Sitt Awla, jiġifieri dik li jintemmu diverġenzi ta' interpretazzjoni bejn awli differenti tal-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali), li jippermetti għalhekk lil din, li jkollha l-intenzjoni li titbiegħed mid-deċiżjoni ta' awla oħra jew tal-Awla Manja dwar kwistjoni ġuridika, li tiddeċiedi *in fine* fuq il-mertu tat-tilwima fil-kawża prinċipali pendenti quddiemha.

51 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "jagħtu s-sentenza" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat b'mod wiesa', fis-sens li jinkludi l-proċedura kollha li twassal għas-sentenza tal-qorti tar-rinviju (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, Fahnenbrock *et*, C-226/13, C-245/13 u C-247/13, EU:C:2015:383, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), billi l-imsemmi kunċett jinkludi l-proċess kollu tal-għoti tas-sentenza (sentenza tas-17 ta' Frar 2011, Weryński, C-283/09, EU:C:2011:85, punt 42).

52 Minn dan isegwi li t-Tieni Awla tista' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura ta' konsultazzjoni interna prevista fl-Artikolu 45(3) tal-ArbGG.

53 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

54 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat fis-sens li x-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol, li jseħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva suġġett għall-obbligu ta' komunikazzjoni lill-awtorità pubblika kompetenti previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, jista' jidħol fis-seħħ biss fl-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1).

55 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jiġi enfasizzat li, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni biss il-formulazzjoni tagħha iżda wkoll il-kuntest li taqa' taħtu u tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħha tagħmel parti (sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, G GmbH, C-134/22, EU:C:2023:567, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59, skont it-termini ta' din id-dispożizzjoni, "[i]l-*redundancies* kollettivi pproġettati nnotifikati lill-awtorità pubblika kompetenti m'għandhomx iseħħu qabel 30 ġurnata

wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 3(1) [fl-ewwel subparagrafu] bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fir-rigward ta' l-avviż tat-tkeċċija mix-xogħol."

57 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, "[k]ull min iħaddem għandu jinnotifika lill-awtorità pubblika kompetenti bil-miktub dwar kull pjan ta' redundancies kollettivi".

58 B'hekk, skont il-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ix-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol li jseħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva ma jistax jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza tat-terminu previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva, li jibda jiddekorri mill-komunikazzjoni ta' dan l-ipproġettar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Junk, C-188/03, EU:C:2005:59, punt 50), li jimplika neċessarjament il-komunikazzjoni ta' dan l-ipproġettar mill-persuna li timpjega lill-awtorità pubblika kompetenti. Minn dan isegwi li, fl-assenza ta' din il-komunikazzjoni, tali xoljiment ma jistax jidħol fis-seħħ.

59 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest li fih jaqa' l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-istess direttiva u tal-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 98/59 jirriżulta li l-fatt li t-tkeċċijiet li jkunu ġew ikkomunikati lill-awtorità pubblika kompetenti jistgħu jidħlu fis-seħħ biss fi tmiem it-terminu previst f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) huwa ġġustifikat mill-obbligu ta' din l-awtorità li tieħu vantaġġ minn dan it-terminu sabiex tfittex soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mit-tkeċċijiet kollettivi hekk maħsuba. L-obbligu ta' komunikazzjoni għandu għalhekk jippermetti lill-imsemmija awtorità li tesplora, fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha mibgħuta lilha mill-persuna li timpjega, il-possibbiltajiet li tillimita, permezz ta' miżuri xierqa għad-data li tikkaratterizza s-suq tal-impjieg u l-attività ekonomika li fiha jaqgħu dawn it-tkeċċijiet kollettivi, il-konsegwenzi negattivi tal-imsemmija tkeċċijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, G GmbH, C-134/22, EU:C:2023:567, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Għalhekk dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) jiggarantixxi perijodu minimu li l-awtorità kompetenti għandu jkollha sabiex tfittex soluzzjonijiet għall-ħaddiema kkonċernati (sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Junk, C-188/03, EU:C:2005:59, punt 51).

61 Minn dan isegwi li, fid-dawl tal-kuntest li jagħmel parti minnu l-istess l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1), l-awtorità pubblika kompetenti tista' tqis li x-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol li jkun seħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiv ma jidħolx fis-seħħ qabel l-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst f'din id-dispożizzjoni, li jibda jiddekorri mill-komunikazzjoni ta' dan l-ipproġettar lil din l-awtorità, li jimplika neċessarjament il-komunikazzjoni tal-imsemmi pproġettar mill-persuna li timpjega lill-imsemmija awtorità.

62 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li jikkonsisti f'li din l-awtorità tkun tista', konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 98/59, tfittex, matul dan it-terminu, soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mit-tkeċċijiet kollettivi maħsuba, ikun kompromess jekk ix-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol li jkun seħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva seta' jista' jidħol fis-seħħ fl-assenza tal-imsemmija komunikazzjoni jew qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59 għandu jiġi interpretat fis-sens li x-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol, li jkun seħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva

suġġett għall-obbligu ta' komunikazzjoni lill-awtorità pubblika kompetenti prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, jista' jiddaħol fis-seħħ biss fl-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1).

Fuq it-tieni domanda

64 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum imsemmi f'dan l-artikolu jippreżupponi mhux biss li seħħet il-komunikazzjoni tal-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva, iżda wkoll li l-kontenut ta' din il-komunikazzjoni jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva.

65 UR jikkontesta l-ammissibbiltà ta' din it-tieni domanda minħabba li t-Tieni Awla ma wrietx b'liema mod preċiż din hija rilevanti, kemm fid-dawl tar-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula mis-Sitt Awla skont l-Artikolu 45(3) tal-ArbGG, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatti li fuqhom hija bbażata t-tilwima fil-kawża prinċipali pendenti quddiem din is-Sitt Awla, kif ukoll fid-dawl tar-riżoluzzjoni ta' din it-tilwima. Peress li, f'dan il-każ, ebda komunikazzjoni minn qabel tal-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva ma saret mill-persuna li timpjega inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-imsemmija tieni domanda hija irrilevanti.

66 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm il-ħtieġa għal deċiżjoni preliminari sabiex hija tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tiddeċiedi (sentenza tas-7 ta' Novembru 2024, Adusbef (Pont Morandi), C-683/22, EU:C:2024:936, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Minn dan isegwi li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza (sentenza tas-7 ta' Novembru 2024, Adusbef (Pont Morandi), C-683/22, EU:C:2024:936, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 43 ta' din is-sentenza, il-ġustifikazzjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma tinsabx fil-formulazzjoni ta' opinjonijiet konsultattivi dwar domandi ġenerali jew ipotetiċi, iżda l-ħtieġa inerenti għas-soluzzjoni effettiva ta' tali tilwima.

68 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, qabel ix-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol inkwistjoni li seħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva, il-persuna li timpjega inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma wettqitx il-komunikazzjoni ta' dan l-ipproġettar lill-awtorità pubblika kompetenti, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 98/59. It-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda għalhekk is-"sanzjoni" li għandha tiġi imposta fuq l-imsemmija persuna li timpjega minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' komunikazzjoni previst f'din id-dispożizzjoni, u mhux fuq il-konformità tal-kontenut ta' tali komunikazzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva.

69 Minn dan isegwi li t-tieni domanda hija ipotetika sa fejn ma għandha ebda rabta mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

70 Barra minn hekk, iċ-ċirkustanza li din id-domanda tista' tirriżulta utli fil-kuntest tal-proċedura interna ta' konsultazzjoni prevista fl-Artikolu 45(3) tal-ArbGG, ma tistax telimina n-natura ipotetika lill-imsemmija domanda (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Private Equity Insurance Group, C-156/15, EU:C:2016:851, punt 58).

71 Konsegwentement, it-tieni domanda hija inammissibbli.

Fuq it-tielet domanda

72 Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li persuna li timpjega li tkun xoljiet kuntratt ta' xogħol mingħajr ma kkomunikat lill-awtorità pubblika kompetenti l-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva li fil-kuntest tiegħu jaqa' dan ix-xoljiment, bi ksur ta' din l-ewwel dispożizzjoni, tista' tirregolarizza l-assenza ta' tali komunikazzjoni b'tali mod li l-imsemmi xoljiment jidħol fis-seħħ 30 jum wara din ir-regolarizzazzjoni.

73 Għandu jitfakkar li din id-direttiva timponi fuq kull persuna li timpjega li taħseb biex twettaq tkeċċijiet kollettivi l-osservanza ta' żewġ obbligi proċedurali.

74 Minn naħa, skont l-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, il-persuna li timpjega li taħseb biex twettaq tkeċċijiet kollettivi hija obbligata li twettaq konsulatazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema sabiex jintlaħaq ftehim. Konformement mal-Artikolu 2(2) tagħha, il-konsultazzjonijiet jirrigwardaw tal-inqas il-possibbiltajiet li jiġu evitati jew imnaqqsa t-tkeċċijiet kollettivi kif ukoll il-possibbiltajiet li jitnaqqsu l-konsegwenzi tagħhom bl-użu ta' miżuri soċjali li jakkumpanjawhom immirati b'mod partikolari li jgħinu għar-riklassifikazzjoni jew għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema mkeċċija. B'mod partikolari, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(3) tal-imsemmija direttiva, din il-persuna li timpjega hija obbligata li tipprovdi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema l-informazzjoni utli kollha u li tikkomunikalhom, fi kwalunkwe każ, bil-miktub l-informazzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni.

75 Min-naħa l-oħra, il-komunikazzjoni ta' kull ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva lill-awtorità pubblika kompetenti għandha, skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva, tinkludi, b'mod partikolari, ir-raġunijiet ta' tkeċċija, in-numru ta' ħaddiema li għandhom jitkeċċew, in-numru ta' ħaddiema normalment impjegati u l-perijodu li matulu huwa maħsub li jitwettqu t-tkeċċijiet.

76 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 93 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn l-obbligi proċedurali kienu ġew previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' tkeċċijiet kollettivi, b'mod partikolari sabiex tiġi ppreżervata ċ-ċertezza legali tagħhom.

77 Għalhekk, il-persuna li timpjega kkonċernata ma tistax ixxolji kuntratti ta' xogħol fil-każ ta' tkeċċija kollettiva mingħajr ma tkun osservat l-imsemmija obbligi proċedurali (sentenza tas-27 ta' Jannar 2005, Junk, C-188/03, EU:C:2005:59, punt 41).

78 Għaldaqstant, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 58 ta' din is-sentenza, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59, ix-xoljimenti tal-kuntratti ta' xogħol li jkunu seħħew fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva jidħlu fis-seħħ biss mal-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst f'din id-dispożizzjoni.

79 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, billi rriżerva espliċitament id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet individwali fil-qasam ta' terminu ta’ preavviż, l-imsemmi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) bilfors jirreferi għall-ipoteżi ta’ xoljimenti ta’ kuntratti ta’ xogħol diġà mwettqa, u għalhekk tali terminu jibda jiddekorri. Fil-fatt, ir-riżerva tal-iskadenza ta’ terminu ta’ preavviż differenti mit-terminu previst f’din id-direttiva ma jkollux sens jekk ebda preavviż ma jkun beda jiddekorri (sentenza tas-27 ta’ Jannar 2025, Junk, C-188/03, EU:C:2005:59, punt 52).

80 F’dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmija direttiva ma jipprekludux li jsir xoljiment tal-kuntratti ta’ xogħol matul il-proċedura li huma jistabbilixxu, bil-kundizzjoni li dan ix-xoljiment iseħħ wara l-komunikazzjoni tal-ipproġettar ta’ tkeċċija kollettiva lill-awtorità pubblika kompetenti (sentenza tas-27 ta’ Jannar 2005, Junk, C-188/03, EU:C:2005:59, punt 53).

81 Tali interpretazzjoni ta’ dawn id-dispożizzjonijiet, li tiggarantixxi li l-awtorità pubblika kompetenti jkollha terminu effettiv ta’ 30 jum sabiex tfittex soluzzjonijiet għall-problemi kkawżati mit-tkeċċijiet kollettivi maħsuba għall-ħaddiema kkonċernati, konformement mal-Artikolu 4(2) tal-istess direttiva, mhux biss tirriżulta mill-formulazzjoni tagħhom, li t-termini tagħhom, fil-fatt, iqiegħdu l-obbligu ta’ komunikazzjoni fuq l-ipproġettar ta’ tkeċċija kollettiva, jiġifieri tkeċċijiet kollettivi li għadhom ma ġewx implimentati permezz tax-xoljiment tal-kuntratti ta’ xogħol ikkonċernati, iżda tiżgura wkoll li dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jivverifikaw jekk il-komunikazzjoni tal-ipproġettar ta’ tkeċċija kollettiva konformement mad-Direttiva 98/59 tkunx seħħet.

82 Konsegwentement, ma jistax jiġi aċċettat li, fil-kuntest ta’ pproġettar ta’ tkeċċija kollettiva, il-persuna li timpjega tkun tista’ xxolji kuntratt ta’ xogħol qabel il-komunikazzjoni ta’ dan l-ipproġettar prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta’ din id-direttiva, peress li d-dħul fis-seħħ tax-xoljiment huwa sospiż sar-regolarizzazzjoni ta’ din il-komunikazzjoni.

83 Hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 96 tal-konklużjonijiet tiegħu, is-sekwenza tal-proċeduri u, korrelattivament, tal-obbligi previsti fil-kuntest ta’ dawn il-proċeduri, kif maħsuba mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tiġi kkontestata jekk il-persuna li timpjega setgħet twettaq il-komunikazzjoni tal-ipproġettar ta’ tkeċċija kollettiva wara x-xoljiment tal-kuntratti ta’ xogħol ikkonċernati permezz ta’ tali sospensjoni temporanja. Din is-sospensjoni temporanja tikkomprometti għalhekk l-effettività tal-obbligi proċedurali previsti mill-imsemmija direttiva u tippreġudika l-għan stess tagħha, li jikkonsisti f’li jiġi żgurat li t-tkeċċijiet kollettivi maħsuba jiġu ppreċeduti minn konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema u mill-komunikazzjoni tagħhom lill-awtorità pubblika kompetenti.

84 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59 għandhom jiġu interpretati fis-sens li persuna li timpjega li tkun xoljiet kuntratt ta’ xogħol mingħajr ma kkomunikat lill-awtorità pubblika kompetenti l-ipproġettar ta’ tkeċċija kollettiva li fil-kuntest tiegħu jaqa’ dan ix-xoljiment, bi ksur ta’ din l-ewwel dispożizzjoni, ma tistax tirregolarizza l-assenza ta’ tali komunikazzjoni b’tali mod li l-imsemmi xoljiment jidħol fis-seħħ 30 jum wara din ir-regolarizzazzjoni.

Fuq ir-raba' domanda

85 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6 tad-Direttiva 98/59 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dritt nazzjonali jista' jħalli lill-awtorità pubblika kompetenti l-kompitu li tiddetermina, permezz ta' att li l-ħaddiem ma jistax jikkontesta u li huwa vinkolanti għall-qrati nazzjonali, id-data preċiża ta' skadenza tat-terminu previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, jew fis-sens li d-dritt nazzjonali għandu jirrikonoxxi lill-ħaddiem dritt għal rimedju ġudizzjarju sabiex tiġi mistħarrġa l-fondatezza ta' din id-determinazzjoni mwettqa mill-imsemmija awtorità.

86 Minn naħa, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punt 65 ta' din is-sentenza, dwar l-ammissibbiltà tat-tieni domanda, UR jeċċepixxi l-inammissibbiltà tar-raba' domanda.

87 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li, sa fejn il-kawża prinċipali tirrigwarda biss il-konsegwenzi tal-assenza ta' komunikazzjoni tal-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, u mhux fuq il-konformità tal-kontenut ta' din il-komunikazzjoni mar-rekwiżiti previsti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ir-raba' domanda hija ta' natura ipotetika.

88 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, filwaqt li l-persuna li timpjega inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kkomunikatx l-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva, ebda element tal-proċess f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma jindika li l-awtorità pubblika kompetenti kienet iffissat, b'mod definittiv u vinkolanti għall-ħaddiema kkonċernati, id-data ta' skadenza tat-terminu ta' 30 jum previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-istess direttiva.

89 Minn dan isegwi li r-raba' domanda hija ta' natura ipotetika, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 43 ta' din is-sentenza.

90 Konsegwentement, ir-raba' domanda hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

91 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar *redundancies* kollettivi, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ix-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol, li jkun seħħ fil-kuntest ta' pproġettar ta' tkeċċija kollettiva suġġett għall-obbligu ta' komunikazzjoni lill-awtorità pubblika kompetenti prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, jista' jidħol fis-seħħ

biss fl-iskadenza tat-terminu ta' 30 jum previst f'dan l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1).

2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 98/59, kif emendat bid-Direttiva 2015/1794,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

persuna li timpjega li tkun xoljiet kuntratt ta' xogħol mingħajr ma kkomunikat lill-awtorità pubblika kompetenti l-ipproġettar ta' tkeċċija kollettiva li fil-kuntest tiegħu jaqa' dan ix-xoljiment, bi ksur ta' din l-ewwel dispożizzjoni, ma tistax tirregolarizza l-assenza ta' tali komunikazzjoni b'tali mod li l-imsemmi xoljiment jidħol fis-seħħ 30 jum wara din ir-regolarizzazzjoni.

Firem